

Brussell, 14 ta' Novembru 2025
(OR. en)

12312/1/25
REV 1 ADD 1

ECOFIN 1115	EF 272
CADREFIN 156	TELECOM 272
CODEC 1177	IA 111
COMPET 823	CULT 92
RECH 366	AUDIO 73
ENER 414	INDEF 88
TRANS 349	COARM 152
ENV 780	CONOP 50
EDUC 344	
<i>ECB</i>	<i>EIB</i>

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn: Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur

data meta waslet: 29 ta' Awwissu 2025

lil: Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: C(2025) 3802 annex

Suġġett: ANNESS
tar-
REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...
li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fir-rigward tal-
investimenti strateġiċi fil-qasam tad-difiża stabbiliti fil-linji gwida għall-
investiment għall-Fond InvestEU

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 3802 annex.

Mehmuż: C(2025) 3802 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.11.2025
C(2025) 3802 final/2

ANNEX

ADDENDUM

This document corrects document C(2025) 3802 final of 28.8.2025.

Concerns all language versions.

Insertion of the reference to the linked Staff Working Document SWD(2025) 820 final.

The text shall read as follows:

ANNEX

tar-

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

**li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 fir-rigward tal-investimenti strateġiċi
fil-qasam tad-difiża stabbiliti fil-linji gwida għall-investment għall-Fond InvestEU**

{SWD(2025) 820 final}

ANNEX

Il-Punt 2.10 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2021/1078 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

“2.10 Investimenti strateġiċi

L-operazzjonijiet ta' finanzjament jew ta' investiment fl-ambitu ta' InvestEU jistgħu jikkontribwixxu għal attivitajiet li huma ta' importanza strateġika għall-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2021/523. Attivitajiet bħal dawn għandhom jitqiesu bħala investimenti strateġiċi jekk:

(a) ikunu jikkonċernaw proġetti u riċevituri finali assoċjati ma' riskji għas-sigurtà jew l-ordni pubbliku tal-Unjoni, l-Istati Membri tagħha jew il-pajjiżi assoċjati mal-programm InvestEU (“il-pajjiżi assoċjati”), b'mod partikolari investimenti fis-setturi tad-difiża u tal-ispazju u ċ-ċibersigurtà:

(i) fil-każ tad-difiża, l-investimenti fit-teknoloġiji u l-prodotti żviluppati primarjament għal applikazzjonijiet militari,

(ii) fil-każ tal-ispazju, investimenti fil-prodotti li ġejjin:

—arloġġi atomiċi (inkluż għas-sistemi ta' pożizzjonament ta' Galileo);

—vetturi strateġiċi tal-isparar fl-ispazju (inkluż vetturi tal-isparar fl-ispazju għal sistemi spazjali kkontrollati mill-Unjoni);

—prodotti spazjali definiti f'lista deċiża mill-Kummissjoni fuq bażi annwali u kkomunikati lill-Bord ta' Tmexxija;

(iii) fil-każ ta' ċibersigurtà, investimenti li jiffukaw biss fuq l-iżvilupp u l-użu ta' għodod u soluzzjonijiet ta' ċibersigurtà, inkluż meta dawn ikunu parti mill-introduzzjoni jew l-aġġornament ta' networks diġitali u infrastruttura tad-data;

jew

(b) jikkontribwixxu għar-reżiljenza tal-Unjoni f'oqsma ta' importanza strateġika għaliha, kif stabbilit fit-taqsimiet 6.1.1.8, 6.2.1.1 u 6.4.1.1, billi jsostnu u jsaħħu l-ktajjen tal-valur strateġiċi u jżommu u jsaħħu l-attivitajiet ta' importanza strateġika għall-Unjoni, inklużi Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, Important Projects of Common European Interest), fl-oqsma tal-infrastruttura kritika, it-teknoloġiji trasformattivi, l-innovazzjonijiet radikali u l-inputs għan-negozji u l-konsumaturi.

Għal operazzjonijiet diretti, is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jiżgura li l-investimenti strateġiċi jirrispettaw il-limitazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi ta' hawn taħt. Għal operazzjonijiet indiretti, is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni għandu jirrikjedi kuntrattwalment li l-intermedjarju finanzjarju jiżgura l-konformità mal-istess limitazzjonijiet.

Japplikaw limitazzjonijiet għar-riċevituri finali li jaqgħu taħt il-punt (a) tal-ewwel paragrafu, ħlief fil-każ ta' operazzjonijiet diretti ta' inqas minn EUR 10 000 000 u tranżazzjonijiet taħt operazzjonijiet indiretti ta' inqas minn EUR 10 000 000.

Għall-finijiet tal-limitazzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima:

- (a) "kontroll" tfisser il-kapaċità li tkun eżerċitata influwenza deċiżiva fuq entità legali b'mod dirett jew indirett permezz ta' entità legali intermedja waħda jew aktar;
- (b) "ġestjoni eżekuttiva" tfisser korp ta' entità legali maħtur f'konformità mal-liġi nazzjonali, u, fejn applikabbli, li jirrapporta lill-uffiċjal kap eżekuttiv, jew lil kwalunkwe persuna oħra b'setgħa deċiżjonali komparabbli, li jkollu s-setgħa jistabilixxi l-istrateġija, l-oġettivi u d-direzzjoni ġenerali tal-entità legali, u li jissorvelja u jimmonitorja t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-maniġment;
- (c) "pajjiż terz mhux assoċjat" tfisser entità legali stabbilita f'pajjiż terz mhux assoċjat jew, meta tkun stabbilita fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat, ikollha l-ġestjoni eżekuttiva tagħha f'pajjiż terz mhux assoċjat. Il-post tal-istabiliment tal-entità legali huwa ddeterminat mill-post tal-uffiċċju rreġistrat tagħha.

Riċevitur finali li jaqa' taħt il-punt (a) tal-ewwel paragrafu għandu jkollu l-ġestjoni eżekuttiva tiegħu fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u ma għandux ikun ikkontrollat minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entitajiet ta' pajjiż terz mhux assoċjat.

Jekk ir-riċevitur finali li jaqa' taħt il-punt (a) tal-ewwel paragrafu jkun involut f'investiment strateġiku fil-qasam tal-konnettività 5G, il-miżuri u l-pjanijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju, skont is-Sett ta' Għodod għaċ-Ċibersigurtà tal-5G¹ għandhom japplikaw ukoll għall-fornituri tiegħu. Tali fornituri, partikolarment bejjiegħa u manifatturi ta' apparat tat-telekomunikazzjoni u fornituri terzi oħra, bħall-fornituri tal-infrastruttura tal-cloud, il-fornituri ta' servizzi ġestiti, l-integraturi tas-sistemi, il-kuntratturi tas-sigurtà u tal-manutenzjoni, il-manifatturi tat-tagħmir tat-trażmissjoni.

B'deroga, entità legali li taqa' taħt il-punt (a) tal-ewwel paragrafu involuta f'investiment strateġiku fid-difiża, li jkollha l-ġestjoni eżekuttiva tagħha fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u li tkun soġġetta għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għandha tkun eliġibbli biex tkun riċevitur f'wieheċ mill-każijiet li ġejjin:

- Turi li rċeviet garanzija, approvata mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih hija stabbilita, fl-ambitu ta' programm tad-difiża li jkun irċieva l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE,²
- Turi li, speċifikament għall-fini tal-operazzjoni, tkun irċeviet garanzija, approvata mill-Istat Membru jew mill-pajjiż assoċjat li fih tkun stabbilita fil-ħin. Il-garanzija għandha tipprovdi assigurazzjonijiet li l-involvement ta' tali entità legali f'azzjoni ma jmurx kontra l-interessi tas-sigurtà u d-difiża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kif stabbiliti fil-qafas tal-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, jew l-oġettivi stabbiliti fl-

¹ Il-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS, Cybersecurity of 5G networks EU Toolbox of risk mitigating measures, 01/2020, https://ec.europa.eu/newsroom/dae/document.cfm?doc_id=64468

² Dan jinkludi, fost l-oħrajn, il-programmi li ġejjin:
ir-Regolament (UE) 2018/1092
ir-Regolament (UE) 2021/697
ir-Regolament (UE) 2023/1525
ir-Regolament (UE) 2023/2418
ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106

Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2021/523. Il-garanzija għandha b'mod partikolari tissostanzja li, għall-fini tal-operazzjoni: hemm miżuri fis-seħħ biex jiġi żgurat li:

(i) il-kontroll fuq ir-riċevitur finali ma jiġix eżerċitat b'mod li jillimita jew jirrestrinġi l-kapaċità tiegħu li jwettaq l-attivitajiet ta' difiża ffinanzjati mill-operazzjoni; u,

(ii) l-aċċess minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat għal informazzjoni sensittiva jew klassifikata relatata mal-attivitajiet tad-difiża ffinanzjati mill-operazzjoni jiġi evitat, u li l-impjegati jew persuni oħra involuti fl-operazzjoni jkollhom awtorizzazzjoni tas-sigurtà nazzjonali maħruġa minn Stat Membru jew pajjiż assoċjat f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti nazzjonali.

B'deroga, entità legali li taqa' taħt il-punt (a) tal-ewwel paragrafu involuta f'investiment strateġiku fl-ispazju, li jkollha l-ġestjoni eżekuttiva tagħha fl-Unjoni jew f'pajjiż assoċjat u li tkun soġġetta għal kontroll minn pajjiż terz mhux assoċjat jew minn entità ta' pajjiż terz mhux assoċjat, għandha tkun eliġibbli biex tkun riċevitur finali jekk tkun irċeviet l-eżenzjoni tal-Kummissjoni mogħtija f'konformità mal-prinċipji li jikkonċernaw l-entitajiet eliġibbli stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/696.

Is-sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni jeħtieġu jinnotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deroga mogħtija għal-limitazzjonijiet stabbiliti f'din it-Taqsima 2.10.

Filwaqt li l-operazzjoni ta' finanzjament u ta' investiment tkun koperta mill-garanzija tal-UE, ir-riċevitur finali li jaqa' taħt il-punt (i) għandu jirċievi l-approvazzjonijiet rilevanti mill-Istati Membri jew mill-pajjiż assoċjat li fih ikun stabbilit, skont il-proċeduri nazzjonali eżistenti tagħhom, sabiex jittrasferixxi s-sjieda jew jagħti liċenzja esklussiva lil pajjiżi terzi mhux assoċjati jew lil entitajiet ta' pajjiżi terzi mhux assoċjati għad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, meta tali drittijiet jirriżultaw direttament minn dawk l-operazzjonijiet.”